**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 16/06**

**Illum: 28 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Oliver George Lorenzo Vella**
**(ID 319697 (M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Oliver George Lorenzo Vella ta' 37 sena, bin George u Jacqueline nee` Harris, imwieled l-Ingilterra fit-13 ta' Ottubru 1978 u residenti 'Plymouth Flats', Number 8, Testaferrata Street, Imsida, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 319697(M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-24 ta' Ottubru 2004 u matul dawn l-ahhar tliet xhur qabel din id-data, gewwa l-Imsida u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda (Art. 18 tal-Kap. 9):

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i

minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Ukoll talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar is-26 ta' Mejju 2003 fl-awla tal-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2015, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni

u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;
Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha dwar il-piena u t-trattazzjoni tad-difiza dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, liema ammissjoni giet registrata minnu fl-istess jum li gew moqrija u kkonfermati bil-gurament l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Qieset ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, liema fedina penali kienet tikkonsisti f'kundanni dwar reati bi ksur tal-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sejbien ta' htija dwar serq aggravat, fir-rigward ta' liema huwa nghata liberazzjoni kundizzjonata, pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenza, pussess ta' droga eroina (f'zewg okkazzjonijiet) u raza tal-*cannabis*, dwar liema huwa nghata Ordni ta' *Probation* u liberazzjoni kundizzjonata u serq semplici, dwar liema l-imputat inghata sentenza ta' xahrejn prigunerija sospiza ghal sentejn. Din l-ahhar sentenza hija mertu tal-imputazzjoni (c).

Qieset ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-25 ta' Ottubru 2004, jirrizulta illi l-istess imputat ikkonferma illi fil-jum ta' qabel, fil-pussess tieghu nstabu hames *sachets* tal-karti bi trab kannella suspettat eroina u borza zghira bi trab kannella, ukoll suspettat eroina u li dawn kienu tieghu. Ikkonferma wkoll illi fil-fond fejn kien jirrisjedi fiz-zmien in kwistjoni, instabu xi affarijiet relatati mal-uzu tad-droga, fosthom *citric acid*, labar godda, *aluminium foil* mahruq bit-tracci tad-droga suspettat eroina u li anke dawn kienu tieghu. L-ahhar darba li kien ghamel uzu mid-droga kien ftit minuti qabel marru l-pulizija fuqu. L-imputat qal ukoll illi kuljum huwa kien jikkonsma zewg grammi eroina ossia Lm60 eroina kuljum. Qal illi ma kienx jahdem u lanqas kien jircievi beneficcji socjali. Qal ukoll illi jahseb li d-droga li nstabet fuqu kien xtraha jum qabel u kien hallas Lm120 ghal hames grammi. Qal illi d-droga jaqsamha fi tmien darbiet, li kien

jittaqqab u anke jahraq sakemm ifieq.  Qal illi gieli biegh droga sabiex izomm il-vizzju tieghu u li l-ahhar li biegh kien jumejn qabel, li kien ha l-flus minghand persuna u mar igiblu d-droga.  Kien biegh pakkett eroina ghall-prezz ta' Lm7 u xeba zghar.  Biegh id-droga inqas minn hamsin darba, u ghalkemm ma ftakarx ezatt kemm il-darba biegh id-droga, jahseb li biegh izjed minn hamsa u ghoxrin darba.  Qal illi l-unika droga li kien biegh kienet l-eroina u li dan kien jaghmlu bl-iskop li jzomm il-vizzju tieghu u biex ikollu fejn joqghod.  Fir-rigward tad-droga li nstabet fuqu, qal illi din kien xtraha shiha ossia hames grammi u kien huwa stess li qasamha f'*sachets* biex ikun jaf kemm qed juza u biex ikun jista' jbiegh minnhom ukoll.

Ikkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* Glenn Grixti li qal illi l-imputat kellu trobbija difficli, li trabba ma' missieru u li dan kien jirrikorri ghall-vjolenza fizika sabiex izomm id-dixxiplina, li l-imputat beda jabbuza mid-droga ta' eta` zghira hafna, li ghex hajja kaotika ghal diversi snin u ghamel zmien anke *homeless*, li matul is-snin gie assistit minn diversi professjonisti sabiex jindirizza l-problema tad-droga li kienet wahda akuta, li fis-sena 2000 l-imputat beda jsegwi programm residenzjali fi hdan San Blas li madankollu l-imputat ma lestiehx ghaliex telaq u fis-sena 2006, huwa telaq minn Malta u wara xi zmien beda jiskonta sentenza ta' prigunerija gewwa l-Venezuela.  Testijiet tal-urina li saru lill-imputat gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fis-17 ta' Lulju 2015 u fil-5 ta' Awwissu 2015 rispettivament, irrizultaw fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi illeciti. Skond l-istess Ufficjal tal-*Probation*, l-imputat esprima x-xewqa li jerga' jibda jghix hajja normali mat-tfajla tieghu u ma' binthom barra minn Malta u li meta kien gewwa l-Ingilterra, kien anke qed jipprepara ruhu biex jibda jghin persuni bil-vizzju tad-droga.  Mill-informazzjoni li huwa akkwista minghand professjonisti ohrajn fi hdan l-Oasi u l-Caritas, irrizultalu wkoll illi minkejja l-passat tieghu, l-imputat biddel l-istil ta' hajja tieghu u beda jghix hajja stabbli.

Ikkunsidrat ukoll ix-xhieda tal-imputat li kkonferma li fil-passat ossia fiz-zmien tal-kaz odjern, huwa kellu vizzju qawwi tad-droga eroina, fis-sens li kien jittaqqab sitt darbiet kuljum u jiehu bejn gramma jew gramma u nofs, kien *homeless* u beda programm, izda ma rnexxielux ilestih.  Gewwa l-habs tal-Venezuela bejn is-snin 2008 u 2013, ra affarijiet tant koroh li rrealizza f'hiex kienet gabitu d-droga.  Waqt li kien gewwa dan il-habs, huwa ghamel kuntatt ma' Chris Dalli mill-Agenzija Caritas sabiex jinghata gwida u meta hareg mill-habs, ghamel kuntatt ma' xi

agenziji sabiex huwa stess ikun jista' jibda jghin ohrajn li kienu fis-sitwazzjoni tieghu. Qal illi ilu ma jabbuza mill-eroina mis-sena 2008.[1]

Il-Qorti tqis illi fil-waqt illi m'hemmx dubbju illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati huma reati serji, biss f'dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti wiehed ma jistax jinjora l-isforzi kbar u genwini li ghamel l-imputat sabiex hareg mill-vizzju qawwi tad-droga li kellu u l-bidla fl-istess imputat miz-zmien tal-kaz odjern sal-lum. Huwa minnu li l-Qorti hawnhekk m'hijiex qeghda tippunixxi l-vizzju tal-imputat, izda l-fatt li huwa biegh id-droga eroina li, kif inghad, huwa reat serju, izda mill-banda l-ohra, ma jkun ta beneficcju lanqas ghas-socjeta` li maghha l-imputat irid ihallas il-kontijiet, li s-sentenza odjerna ggib fix-xejn il-progress enormi li huwa ghamel minn dakinhar sal-lum, mil-liema progress wara kollox tibbenefika wkoll l-istess socjeta` li minnha l-imputat jifforma parti u li fiha jidher li integra ruhu sewwa. Ghalkemm f'dan il-kaz, il-Qorti m'hijiex qeghda tiehu kont tat-trapass taz-zmien minn meta sehhew l-atti in kwistjoni, ghaliex wara kollox dan it-trapass u dewmien gie instigat mill-imputat inniffsu li telaq minn Malta minkejja li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri fil-konfront tieghu, biss min-naha l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta' dak li ntqal izjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi piena ta' prigunerija fil-minimu taghha tkun piena idonea.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(h), 18 u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) ghal **piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva** – mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u **multa ta' sitt mija u hamsin Euro (€650)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

[1] Din ix-xhieda giet ikkonfermata wkoll mix-xhud Chris Dalli, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, li jghid ukoll illi l-imputat inbidel kompletament u "*li llum huwa success*" (a fol. 81 tal-process).

Fir-rigward tal-imputazzjoni (c) ossia dik li tirrigwarda s-sentenza ta' prigunerija sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli, fis-26 ta' Mejju 2003[2], wara li rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghar-ragunijiet fuq indikati u wara li rat ukoll il-mertu u c-cirkostanzi li wasslu ghall-istess sentenza, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar l-imsemmija sentenza li permezz taghha huwa gie kkundannat ghal piena ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn, billi tordna illi l-perjodu operattiv ta' sentejn jerga' jibda jiddekorri mill-gdid mil-lum stess.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-uzu tad-droga, esebiti bhala Dok. NG 3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[2] Esebita a fol. 49 u 50 tal-process.